MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 47/2012

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Joseph Spiteri u Maria Genesia sive Marnese Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mis-socjeta' rikorrenti fis-6 ta' Gunju, 2012 fejn ippremettiet:

1. Illi l-intimati Joseph u Maria Genesia sive Marnese Spiteri huma debituri tas-socjeta' rikorrenti ghas-somma globali ta' mija u tnejn u tmenin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u disghin Ewro centezmi (€182,555.95), dovuta minnhom lis-socjeta' rikorrenti, u rapprezentanti in kwantu hmistax-il elf, hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin Ewro centezmi

(€15,524.26) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru tnejn xejn xejn xejn xejn tmienja hamsa xejn wiehed xejn erbgha (20000850104) *[kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A]* u in kwantu ghal mija u sebgha u sittin elf u wiehed u tletin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmi (€167,031.69) bilanc dovut fuq il-*loan account* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha wiehed wiehed sebgha erbgha sitta (20000411746) *[kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B],* oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-wiehed (1) ta' Jannar 2012 sal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba tal-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta' rikorrenti, huma baqghu inadempjenti;

4. Illi s-socjeta' rikorrenti qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

5. illi r-rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti in vista tal-premess talbet lil din il-Qorti joghgobha, prevja d-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Mata:

1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma globali ta' mija u tnejn u tmenin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u disghin Ewro

centezmi (€182,555.95), dovuta minnhom lis-socjeta' rikorrenti, u rapprezentanti in kwantu hmistax-il elf, hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin Ewro centezmi (€15,524.26) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru tnejn xejn xejn xejn xejn tmienja hamsa xejn wiehed xejn erbgha (20000850104) *[kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A]* u in kwantu ghal mija u sebgha u sittin elf u wiehed u tletin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmi (€167,031.69) bilanc dovut fuq il-*loan account* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha wiehed wiehed sebgha erbgha sitta (20000411746) *[kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B],* oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-wiehed (1) ta' Jannar 2012 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, li huma mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet lil Joseanne Gauci in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 l-intimati intavolaw nota ta' ammissjoni. Fl-istess nota talbu wkoll li l-kundizzjonijiet minnhom indikati fl-istess nota jigu nkorporati fis-sentenza.

Rat li fl-istess seduat Dr Kris Balzan ghas-socjeta' rikorrenti wara li giet prezentata n-nota ta' ammissjoni ta' l-intimati ddikjara ghan-nom ta' l-istess socjeta' rikorrenti li m'hemmx possibilita' ta' l-arrangament hekk kif propost mill-intimati peress li matul l-ahhar snin is-socjeta' rikorrenti ezawriet id-disponibilita' taghha.

Rat l-atti kollha.

Billi fuq ammissjoni ta' l-intimati, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Illi fin-nuqqas ta' qbil min-naha tas-socjeta' rikorrenti mhux il-kaz li l-kundizzjonijiet proposti mill-intimati jkunu nkorporati fis-sentenza.

Ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni ta' l-intimati, qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma globali ta' mija u tnejn u tmenin elf, hames mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u disghin Ewro centezmi (€182,555.95), dovuta minnhom lis-socjeta' rikorrenti, u rapprezentanti in kwantu hmistax-il elf, hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin Ewro centezmi (€15,524.26) bilanc dovut fuq il-kont kurrenti numru tnejn xejn xejn xejn xejn tmienja hamsa xejn wiehed xejn erbgha (20000850104) u in kwantu ghal mija u sebgha u sittin elf u wiehed u tletin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmi (€167,031.69) bilanc dovut fuq il-*loan account* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha wiehed wiehed sebgha erbgha sitta (20000411746), oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-wiehed (1) ta' Jannar 2012 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------